A.L. 220 ta' l-1997

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1997 dwar ir-Rifużjoni ta' Depożiti

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu ir-Regolamenti ta' l-1997 dwar ir-Rifużjoni ta' Depożiti, u għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 1998.

Dritt għar-rifużjoni ta' depożitu.

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti għandu jitħallas lill-Kontrollur tad-Dwana dritt ta' żewġ liri dwar kull depożitu li jsir mad-Dipartiment tad-Dwana minn importaturi sabiex dawn jiffaċilitaw ir-rilaxx ta' l-oġġetti minnhom importati fin-nuqqas tad-dokumentazzjoni meħtieġa dwar dik l-importazzjoni, u liema dritt eventwalment issir rifużjoni tiegħu lill-importatur wara li jiġu preżentati d-dokumenti relattivi:

Iżda dak id-dritt m'għandux jitħallas meta d-depożitu jkun sar fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana għal għanijiet ta' verifika jew ta' klassifika li mbagħad jirriżultaw li jkunu favur l-importatur.

Mgħax li jitħallas fuq depożitu in akkont.

3. (1) Meta importatur japplika għaż-żamma ta' depożitu għal żmien iktar minn tnax-il xahar mid-data meta jsir id-depożitu, il-Kontrollur tad-Dwana jista' jikkonċedi estensjoni finali ta' sitt xhur.

(2) Meta tingħata dik l-estensjoni għandu jkun dovut lill-Kontrollur tad-Dwana, b'żieda mad-dritt speċifikat fir-regolament 2 ta' dawn ir-regolamenti, mgħax bir-rata ta' wieħed fil-mija fix-xahar, jew parti minnu, fuq l-ammont tad-depożitu, għall-perijodu attwali ta' l-estensjoni sa meta ssir ir-rifużjoni f'dak iż-żmien ta' estensjoni ta' sitt xhur.

Kif isir il-ħlas.

4. Sew id-dritt sew l-imgħax rispettivament imsemmija fir-regolamenti 2 u 3 ta' dawn ir-regolamenti għandhom jitnaqqsu mill-ammont tad-depożitu meta tkun qegħda ssir ir-rifużjoni.